MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 493/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Luke Cassar**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar it-18 ta' Awissu tas-sena 2010 ghal habta tas-saghtejn nieqes ghaxra ta' filghodu (1:50hrs) bhala persuna li f'ismu ghandu l-licenzja ta' substitute tal-hanut tal-birra u xorb spirituz bl-isem ta' "Hotch Bar" li jinsab gewwa Triq il-Wilga, Paceville, San Giljan daqq jew ippermetta li tindaqq muzika b'kull mezz gewwa post kummercjali li huwa licenzjat biex idoqq muzika amplifikata b' tali mod li l-muzika baqghet tinstema minn barra wara s-seigha ta' filghodu (1:00hrs).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-11 ta' Novembru, 2010 fejn il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 38(2)(a)(c), 53 ta' l-Avviz

Legali 1/2006 u l-Art. 29 tal-Kap 441 u kkundannatu ghall-ammenda ta' elf mija u sittin Euro (€1160.00)

Rat ir-rikors tal-appellanti Rosaria Debono pprezentat fit-5 ta' Novembru, 2010 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

Tirriforma is-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti sabithu hati ta' l-akkuza dedotta kontrih u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ammenda ta' €1160.00, u minflok taghtih piena ekwa u gusta tal-minimum jew vicin il-minimum.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti, huwa s-segwenti w cioe':-

Jinghad mal-ewwel illi l-akkuzat mhux qed jikkontesta l-htija o meno tieghu pero` qed jikkontesta l-piena.

L-avviz legali 1.2006 jikkonsisti f'korp ta' regolamenti illi jaqghu that il-ligi principali u cioe` il-Kap 441 tal-Ligijiet ta' Malta u l-pieni stabbiliti ghal dawn ir-regolamenti huma l-istess pieni applikabbli bl-Att principali. (Art. 29 tal-Kap 441).

L-akkuzat jikkontendi illi l-piena erogata fic-cirkostanzi kienet wahda esagerata. Fil-fatt kienet il-massimu illi setghet tinghata. Huwa veru, kif zgur ha targumenta l-prosekuzjoni, illi l-piena hija fil-fatt entro l-parametri tal-ligi ghaliex, l-art 29 (a) tal-Ligi principali jaghmilha cara illi l-piena ghal min jigi misjub hati l-ewwel darba tammonta ghal-€116.47 minimu u €1160.47 massimu.

Fill-fatt din kienet l-ewwel darba li l-appellant gie misjub hati ta' dan ir-reat. Barra minn hekk, kif irrizulta mix-xhieda ta' l-istess spettur, il-bieb ta' barra tal-hanut kien miftuh. L-appellant kellu l-isfortuna illi xi hadd hallielu l-bieb miftuh propju fil-hin li fih kellu jghaddi l-ispettur, b'mod li evidentement kieku l-bieb kien maghluq ma kien jinstema'

xejn minn barra. Fil-fatt l-appellant ikkopera bis-shih mal-ordni tal-Ispettur u l-incident gie rizolt f'temp ta' zewg minuti.

L-appellant jikkontendi illi hu ma kellux jehel il-massimu propju minhabba c-cirkostanzi partikolari u n-natura de minimis tal-akkadut, fejn ma kienx hemm ilmenti jew rapporti, u mill-banda l-ohra kien hem mil-kooperazzjoni totali teighu.

Il-Ligi tipperskrivi l-minimum u l-maximum tal-piena ovvjament biex thalli fid-diskrezzjoni tal-gudikant li fl-applikazzjoni tal-piena jiehu in konsiderazzjoni il-gravita` o meno tar-reat.

L-appellant jirrileva li fil-kaz in ezami, l-Qorti esprimiet ruha fl-awla pubblikament illi f'kaz li l-imputat jammetti tikkundannah il-piena minima u fil-kaz li ma jammettix u jinstab hati, tikkundannah il-piena massima.

L-appellant jissottometti illi kriterju bhal dan mhuxiex gust billi l-ewwel haga qieghed jistieden lill-imputat biex, ghalkemm ihoss li ma jkunx hati jammetti l-imputazzjoni minhabba l-biza` li jehel il-massimu. U it-tieni nett, kull imputat ghandu d-dritt illi jara li l-prosekuzzjoni tipproduci provi sufficjenti biex huwa jinstab hati, u dan id-dritt ma jipprekludihx milli jimmerita piena inqas mill-massima, u addirittura l-minima, skond ic-cirkostanzi, f'kaz li jigi misjub hati.

Fil-kaz prezenti, meta ssejhet il-kawza fid-09:00hrs, ix-xhud principali tal-prosekuzjoni ma kienx prezenti u ghalkemm l-akkuzat talab il-liberatorja (minhabba nuqqas ta' prova), il-kawza giet posposta sa' l-10:00hrs.

Huwa interessanti illi filwaqt illi l-akkuzat kellu jistenna siegha sakemm xhud tal-prosekuzzjoni joghgbu jasal, il-gudikant ma hassx illi dan kien hela ta' hin izda imbghad, meta eventwalment wasal dan ix-xhud, kull minuta zejda wara l-10:00hrs, kellha tahdem kontra l-akkuzat. Jigifieri lill-imputat, peress illi huwa ghazel illi ma jammettix u l-process dam hames minuti (flok minuta u nofs) swietlu elf

euro aktar. Li kieku l-gudikant verament xtqaq jevita l-hela ta’ hin, seta` japplika l-ligi, u fid-09:05am jikkundanna lix-xhud li ma deherx ghal-ammenda, u jordna li jigi migjuba b’mandat ta’ akkumpanjament f’seduta sussegwenti. Kif ghamlet il-Qorti u bir-ragunament taghha, il-hin li ntilef bi htija ta’ dak ix-xhud kien konvertit fil-piena massima kontra l-appellant.

Barra minn hem mil-process guridiku m’ghandux jiddependi fuq kemm tahli l-hin tal-Qorti (wara kollox qeghdin nitkellmu fuq kawza ta’ inqas minn hames minuti). Jekk wiehed ha jkejjel il-gustizzja bil-hin u jekk ghall-kull minuta zejda li tahli, ha titlaghlek il-piena, allura ha nigu f’ sitwazzjoni fejn il-multi u l-ammendi ghandhom jirduppjaw meta nigu fil-Qorti ta’ l-appell. Zgur dan mhuwiex l-ispiertu ta’ kif il-gusitzzja ghandha tigi amministrata.

Il-pieni taht ir-Regolamenti imsemmija diga huma severi (draconian) u huma ferm irrejalistici fic-cirkostanzi u l-Qorti ghandha tapplika l-buon sens u l-ekwita`. Meta wiehed iqis illi qed nitkellmu fuq il-post tad-divertiment l-iktar popolari li ghandna fil-pajjiz, (imbghad ingorru illi ma hawnx turizmu) fejn allura wiehed jippretenti illi ha jkun hemm xi muzika ghaddejja specjalment meta l-bieb jithalla miftuh mill-klijenti illi ma jkunux jafu u jigu jaqghu u jqumu mir-reperkussjonijiet, multa ta’ dan il-kwalita taf tkun rovinanti. Di piu` l-hanut in kwistjoni hwua wiehed zghri illi jiflah biss xi teltin persuna, u l-appellant zgur ma jiflahx ghal dawn it-tip ta’ multi. L-appellant huwa ‘first time offender’, qatt ma kiser dufrejh mal-ligi u ghandu fedina penali netta.

Ikkunsidrat

Irrizulta mill-provi illi fit-18 ta’ Lulju 2010 ghall-habta tas-2.00 a.m. l-appellant kien responsabbli tal-hanut bl-isem ta’ Hotch Bar li jinsab fi Triq Wilga, Paceville, San Giljan. Dak il-hin kien ghaddej l-Ispettur, waqt ronda ta’ rutina, u nnota li kien hemm muzika hierga minn dan il-fond. Dahal, sab lill-appellant wara l-bar, u dak il-hin stess, fuq ordni tal-Ispettur, l-appellant baxxa l-volum tal-muzika.

L-appellant jallega illi l-bieb inzerta kien miftuh ghax hareg klijent u ma ghalaqx il-bieb warajh u l-“bouncer” illi huwa impjegat apposta ghal dan il-ghan lahaq illarga ghal xi ftit.

L-appellant mhuwiex qieghed jikkontesta l-meritu. Biss jilmenta illi ghall-ewwel darba illi nstab hati in konnessjoni ma’ dawn ir-regolamenti ma kellux jinghata l-massimu u stante l-kooperazzjoni tieghu mal-Awtoritajiet, il-piena kellha anqas kellha almenu tkun vicin il-minimu.

Ikkunsidrat

Illi huwa minnu illi l-appellant ghandu fedina penali nadifa w dina hija l-ewwel darba illi kiser difru mal-Ligi.

Il-Qorti qieset ukoll illi dina ma kienitx xi haga serja w fil-fatt giet rizolta fi ftit minuti hekk kif l-Ispettur gibed l-attenzjoni tal-appellant illi l-muzika kienet qed tinstema barra fit-triq.

Ma kienx hemm argumenti bejniethom u l-appellant naqqas il-volum tal-muzika, ghalaq il-bieb biex b’hekk il-muzika ma baqghatx aktar tinstema fit-triq.

Din il-Qorti ma jidhirlix, illi f’dawn ic-cirkostanzi, l-appellant kellu jerfa` fuq spallejh il-massimu illi l-Ligi timponi f’dawn ic-cirkostanzi, u kien ikun aktar gust u ekwu li kieku l-pien akellha tkun vicin il-minimu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tilqa` l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn il-Qorti sabet il-htija tal-akkuzi dedotti kontra l-appellant, u tirriformaha f’dik il-parti fejn ikkundannatu ghall-multa ta’ elf mija w sittin Ewro (€1160) u minflok wara li rat l-artikolu 29 tal-Kap. 441 tikkundanna lill-appellant ghall-multa ta’ mija w ghoxrin Ewro (€120).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------